## Attivitajiet ghax-xahar ta' Mejju 2018

**Il-Gimgha 4 ta' Mejju: 8.00 pm**.
Illum ghandna talk interessanti minn Fr.Karm Debattista. Kull meta gie Fr.Karm dejjem hadna pjacir. Ghalhekk titilfux din it-talk.

**Il-Gimgha 11 ta' Mejju: 8.00 pm**
Illum Fr.Saviour Chircop, id-Direttur Spiritwali taghna, se jiccelebra quddiesa ghall-okkazjoni ta' Jum l-Omm. Ejjew flimkien nitolbu u noffru din il-quddiesa ghall-ommijiet hajjin u mejtin. Illum ukoll se ntellghu raffle. Good Luck!

**Il-Gimgha 18 ta' Mejju: 8.00 pm**
Illum se terga' tigi n-nutara Dr.Rossella Soler biex taghmlilna tahdita. Peress li l-ahhar darba kien hemm min tilifha kien hemm talba biex nistednuha terga' tigi. Zgur li xi haga gdida nitghallmu.

**Il-Gimgha 25 ta' Mejju: 8.00 pm**
Illum se niccelebraw il-birthdays ta' dawk li ghalqu sninhom fix-xahar ta' Mejju.
Din id-darba se nibdlu naqra r-rotta u se mmorru l-Imqabba f'post jismu "Il-Palazz tal-Gilju". M'hemmx problema biex issibuh...qieghed hdejn il-knisja ta' l-Imqabba.

**<u>Menu:</u>**
Antipasto
Starter: Lasagna jew Chicken Minestrone jew Spaghetti biz-zalza tal-fenek
Main Course: Fenek fl-Inbid
Majjal mixwi bil-gravy
Hut mixwi(Cerna)
Dezerta:Birthday Cake
Inbid, Ilma u soft drinks inkluzi

Booking ma' Maria Caruana mob. **No 99890727**.
Mal-booking aghtu l-preferenza taghkom ghall-Istarter u l-Main Course.
Bookings jigu accettati sa l-Erbgha 23 ta' Mejju. Thallux ghall ahhar!
**Prezz: 17€**
N.B. Il-programm ta' l-attivitajiet jista' jkun suggett ta' xi tibdil. Dejjem iccekkjaw l-emails u il-facebook taghna qabel l-attivita' ghal xi tibdil li jista' jkun hemm – **<u>Minusone Malta Widows Support group</u>**

***Chairperson: Maria Borg 9927 1981     Secretary: Louise Suda 9949 8784***
***Email: info@minusone.eu or secretary@minusone.eu***
***Find us on Facebook: MinusOne Malta Widows Support Group***
***Website: https: // www.minusone.eu***




**Volum 21     Harga 5     Mejju 2018**

Gheziez Hbieb,

Iz-zmien itir u ma jistenna lil hadd. Diga' wasalna f'Mejju! Ghadda terz tas-sena u anqas tinduna kif ikun ghadda. Dan ix-xahar kellna daqsxejn ta' thassib ghax ghal darb'ohra, se jkollna nergghu niccaqalqu mill-premises. Konna drajna gol-Education ghax kellna l-kumdita' kollha. Kellna wkoll lil Nicky li vera kien jiehu hsiebna.

U issa ergajna koppi. Kemm ili fil-grupp jiena, diga' bdilna erba' postijiet f'temp ta' ghaxar snin! B'din ir-rata dalwaqt induru Malta kollha! Ghalkemm jiena xorta ma naqtax qalbi u b'xi mod jew iehor il-grupp jibqa' jiltaqa xorta nhoss li hija haga disgustanti li m'hemm l-ebda ghajnuna ghal NGO's bhalna u hadd qatt ma ghena biex ikollna post permanenti. Jien inhoss li ahna m'ahniex apprezzati by the powers that be. L-ebda gvern ma jirrikonoxxi ix-xoghol siewi li naghmlu. Jekk nghinu persuna wahda f'sena biex ma taqax f'depression diga ghamilna xi haga mportanti ahseb u ara in-nies kollha li ghaddew mill-grupp u ghenihom isibu saqajhom. Jiena dejjem emmint li mill-grupp johrog hafna gid u naf li ghandi ragun.

Ghalhekk jehtieg li lkoll flimkien ninghaqdu u naraw x'nistghu naghmlu ghal quddiem. Short term diga ddiskutejna flimkien u sibna soluzzjonijiet bhal li nikru u jekk ikun hemm bzonn inhallsu xi haga zghira. Pero' jien ma tantx xtaqt nghabbi lill-membri bi spejjez zejda. Issa naraw. Ghall-bidu se nuzaw il-fondi tal-grupp pero' jekk l-istorja ttul, ikollna nahdmu mod iehor. Nimxu pass pass u naraw x'jigri. Skont ma jigri nirreagixxu. Passivi zgur li mhux se noqoghdu. Li jkun hemm bzonn isir.

Kif tafu dan l-ahhar tkellimna dwar il-kodici tal-etika u ddiskutejna xi punti mportanti. Nippruvaw ma ninsewx ir-regoli li gew diskussi. Min ikollu xi diffikulta' jidhol fuq il-website u jgedded l-informazzjoni.

Dan ix-xahar se jkollna zewg speakers interessanti. Fr. Karm Debattista li diga' gie darb'ohra u kulhadd talabni biex nerga' nistiednu u n-nutara Dr.Rossella Soler. Dan ix-xahar, fit-tlettax ta' Mejju, tahbat ukoll 'Mother's Day' u ghalhekk niftakru fl-ommijiet kollha, hajjin u mejtin, billi niccelebraw quddiesa ma Fr.Saviour Chircop.
Nippruvaw li ma nitilfu l-ebda wahda minn dawn il-laqghat ghax zgur li se ssibuhom ta' nteress u ta' gid. Barra minn hekk, sintendi, fl-ahhar gimgha tax -xahar ghandna l-Birthday Celebrations.

Inselli ghalikom u minn qiegh qalbi nawgura lin-nisa membri tal-grupp taghna;

***HAPPY MOTHER'S DAY!***

Dejjem taghkom,
Marija

## F’Jum l-Omm

Fost il-jiem kollha tas-sena
għandna wieħed għażiż wisq;
Dan hu ddedikat lill ommna
għelm ta’ barka, hena w risq.
Meta Beniamino Gigli
kien instema’ jkanta l-“Mamma”
ma’ dal-globu kompla kebbes
tal-imħabba din il-fjamma.
Għax l-omm l-akbar kreatura
li teżisti fil-ħolqien;
jekk idduru d-dinja kollha
bħalha żgur ma ssibu mkien!
Bla ma trid meta tinħasad
inti tgħajjat: “Ajma, Ma!”.
U għalkemm daqsha essenzjali,
ma ssejjaħx int lill-papà!
Żgur li hemm xi ħaġa fina
li bil-wisq torbotna magħha
bħalma l-qroqqa l-ħin kollu
tgħożż ma’ djulha l-ulied tagħha.
Wara disa’ omm xhur ta’ tqala
d-dinja tifraħ b’twelid ġdid;
forsi mhux l- responsabbli
minn dil-benna, minn dal-ġid!
Meta nħossuna morda
jew imtaqqla minn xi hemm
dlonk tarana sejrin għandha
biex infittxu ftit tal-kenn.
Bl-ebda dubju ġewwa s-sema
għandna Omm bil-wisq setgħana;
toqogħdux, immela, lura –
nersqu lejha lkoll ħerqana.
F’kelma waħda xejn ma jisboq
dan l-isem sabiħ ta’ omm –
dawn il-versi minn qiegħ qalbi,
għażiż’omm, lilek indomm.

***Kav. Joe M. Attard***



Mother's Day is a holiday celebrated annually as a tribute to all mothers and motherhood. It is celebrated on various dates in many parts of the world. Although the origins of the holiday date back to the times of the ancient Greeks and Romans, the modern form of the celebration of Mother's Day in the United States began in the early 20th century.

**Modern history**
It was first celebrated in 1908 in Grafton, West Virginia, when Anna Jarvis held a memorial for her mother Ann Reeves Jarvis who, in turn, many years earlier had founded Mothers' Day Work Clubs in five cities. Anna Jarvis began a campaign to make the Mother's Day a national holiday and she succeeded in 1914 when the U.S. President Woodrow Wilson proclaimed the second Sunday in May a Mother's Day.

**Mother's Day around the world**
Nowadays Mother's Day (or a similar event) is celebrated in more than 150 countries around the world, although at different dates. Many countries, including the USA, Canada, Australia, Japan and many European countries, celebrate Mother's Day on second Sunday of May. On the other hand, in many African countries it is celebrated on 21 March. To summarize, most of the Mother's Day dates around the world fall in May or in March.